MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Rikors Numru. 3/2009

**Joseph Mallia (ID 356731m), Rose Raviola 9ID 601336M) u Connie Preca, mart Amadeo Preca (ID 695641M) u, b'digriet moghti fit 28 ta' Jannar 2013, Mario Mallia (ID 400954M), Josephine sive Josette Demanuele (ID 464955M), Carmel sive Charles Mallia (ID 604256M), Pauline Vella (ID 93759M) u Frances sive Fraccielle Deguara, lkoll eredi tal-mejtin Joseph u Helen Mallia, assumew l-atti flok Helen Mallia, illi mietet fis 16 ta' Awissu 2012 u li kienet gia assumiet l-atti tar-ragel taghha Joseph Mallia fis-29 ta' Mejju 2012 wara illi huwa kien miet fis 17 ta' Novembru 2011.**

**Vs**

**Joseph Vella (ID 759036M) bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta l-eredita' tal-mejta Carmela Tabone.**

Illum 25 ta' April 2013

Il-Bord

Ra ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti fit 8 ta’ Jannar 2010 fejn ippremettew illi huma werriet universali ta’ ommhom Francesca Mallia illi kienet tqabbel ir-raba li tinsab fil-limiti ta’ San Anard ta’ Barkat u tat-Tumbrill taht il-gibjun x’Xghajra ta’ Haz-Zabbar lill Carmela Tabone.

Illi r-rikorrenti gew a korrent tal-fatt illi, fil 15 ta’ Awissu 1983, l-intimata kienet qabblet l-ghalqa in kwistjoni lill certu Emmanuel u Angelo Buhagiar, u dana b’effett mis-sena 1974, u dana skond ricevuta illi ghaddhielhom l-istess Angelo Buhagiar u li turi li certu Joseph Vella kien qed jigbor qbiela minghand Emanuel u Angelo ahwa Buhagiar.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti sahqu, l-intimata Carmela Tabone, illum mejta, qabdet u assenjat l-istess ghalqa lill terzi minghajr il-kunsens taghhom.

Ghalhekk, r-rikorrenti talbu lill-Bord sabiex jawtoriazzahom jirreprendu l-pussess tar-raba fuq imsemmi mill-poter tal-intimata u tipprefiggi terminu qasir u perentorju lill-intimata sabiex tizgombra mir-raba meritu tal-kawza odjerna.

Ra illi fl-10 ta’ Marzu 2009 gie ppresentat rikors da parte tar-rikorrenti sabiex jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill-mejta Carmela Tabone, il-hrug ta’ liema bandi inhargu fit 3 ta’ April 2009.

Ra illi, wara nota minnu maghmulha fl-20 ta’ April 2009, fit-22 ta’ April 2009 gie innominat Joseph Vella bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta lill-mejta Carmela Tabone.

Ra illi, fis 17 ta’ Gunju 2009, l-kuratur deputat Joseph Vella ippresenta eccezzjoni wahda biss, li tghid kif gej: “Illi, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghandhom jidentifikaw bi precizjoni l-art li huma jaghmlu referenza ghaliha fir-rikors promotur u jressqu prova tat-titolu taghhom fuq tali art”.

Ra illi l-istess kuratur deputat, irriserva illi jressaq eccezzjonijiet ulterjuri izda, fl-ebda stadju tal-procedimenti odjerni ma qatt ressaq eccezzjonijiet ohra u/jew talab sabiex iressaq tali eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi fl-ewwel seduta ta’ 22 ta’ Gunju 2009, ir-rikorrenti ippresentat l-affidavit ta’ Joseph Mallia kif ukoll dokumentazzjoni ulterjuri li kienu jikkonsistu f’dan li gej:-

- Certifikat tal-mewt ta’ Maria Carmela Tabone
- Ricerki tal-assi ta’ Angelo Galea, missier Francesca Mallia, omm ir-rikorrenti, li turi li l-istess Angelo Galea kiex xtara nofs indiviz fit 30 ta’ Gunju 1917 u in-nofs indiviz l-iehor fid-29 ta’ Settembru 1923
- Certifikat u ricerki testamentarji ta’ Angelo Galea u Maria Concetta Galea, genituri ta’ Francesca Mallia kif ukoll testment taghhom li jhallu lill Francesca Galea bhala eredi universali.
- Ricerki tal-assi u trasferimenti u certifikat tal-mewt ta’ Francesca Mallia nee’ Galea
- Testment ta’ Francesca Mallia illi thalli lit-tlett rikorrenti Joseph Mallia, Rose Raviola u Connie Preca, uliedha, eredi universali.
- Site plan tal-ghalqa meritu tal-kawza odjerna
- Korrispondenza skambjata bejn ir-rikrorenti u in-Nutar Carmelo Lia li kien qieghed jagixxi bhala konsulent legali

ta’ Joseph Vella ghalkemm huwa nutar u mhux avukat, fejn huwa kien qieghed jghid illi r-rikorrenti ma kellhomx titolu.

Ra illi fl-14 ta’ Lulju 2009 ir-rikorrenti ippresentat dokumentazzjoni illi turi illi Carmela Tabone qatt ma kienet propretarja tal-ghalqa meritu tal-kawza odjerna.

Ra illi fis 16 ta’ Novembru 2009, il-Bord, diversament ippresjedut, diferixxa l-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

Ra illi, fit 8 ta’ Jannar 2010, l-intimat ippresenta rikors fejn talab illi jippresenta l-provi tieghu dwar l-eccezzjoni tieghu billi jaghmel i-kontro-ezami tar-rikorrenti Joseph Mallia, liema talba giet michuda mill-Bord fl-20 ta’ Jannar 2010 wara illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal tal talba peress illi provi fuq titolu ghandhom jirrizultaw unikament minn provi dokumentarji u mhux minn kontro ezamijiet.

Ra illi fit 18 ta’ Marzu 2010, l-intimat reggha, ghal darba ohra, talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, peress illi ried jaghmel kontro-ezami ta’ Joseph Mallia u sahaq illi dwar l-eccezzjoni minnu mressqa ma hemmx bzonn decizjoni peress illi kienet biss “talba ghal kjarifika”.

Ra illi fid 9 ta’ April 2010, wara illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal tali talba peress illi sahqu li kull ma qed isiru huwa li jittawwal iz-zmien tas-sentenza, il-Bord reggha, ghal darba ohra, cahad it-talba ta’ sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Ra illi, ghal darba ohra, fis 6 ta’ Mejju 2011, l-intimat reggha intavola rikors iehor ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fejn talab illi jithalla jippresenta l-provi tieghu qabel ma tinghata is-sentenza finali.

Ra illi, wara li r-rikorrenti, ghal darba ohra oggezzjonaw ghal tali talba, il-Bord, fil-31 ta' Mejju 2011, din id-darba laqghet it-talba u ordnat lill-intimat sabiex, fi zmien xahar, jressaq id-dokumentazzjoni kollha minnu konsiderata necessarja kif ukoll iressaq ix-xheida tieghu fis-seduta li jmiss.

Ra illi, fis-seduta tat 12 ta' Ottubru 2011, quddiem il-Bord kif presentement kompost, l-intimat iddikjara illi ma kellu ebda dokumentazzjoni x'jippresenta u xtaq biss jaghmel il-kontro ezami ta' Joseph Mallia.

Ra illi fit 13 ta' Ottubru 2011, wara ordni ta' dana il-Bord kif kompost, ir-rikorrenti ippresentaw site plan dettaljata tal-art meritu tal-kawza odjerna kif ukoll rapport redatt mill-Perit Robert Sarsero.

Ra illi fl-14 ta' Ottubru 2011, il-kawza giet differita ghat 23 ta' Novembru 2011 sabiex l-intimat jirregola ruhu fuq tali pjanta.

Ra illi fil 23 ta' Novembru 2011 il-Bord diferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Ra illi fil 5 ta' Jannar 2012, l-intimat, ghall ennesima darba, jerggha jitlob is-sospensjoni tal-prolazjoni tas-sentenza sabiex jippresenta l-provi tieghu u dana principalment billi jaghmel il-kontro ezami ta' Joseph Mallia, liema talba, in vista tat-tlett cahdiet precendenti, regghet giet michuda ghal darba ohra fl 10 ta' Jannar 2012.

Ra illi fit 2 ta' April 2012, Dr Philip Manduca, bhala mandatarju specjali ta' certa Patricia Amos, talab is-

sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jassumi l-atti ghan-nom ta' Patricia Amos, liema talba intlaqghet fl-24 ta' Ottubru 2012.

Ra is-sottomissjonijiet ta' Dr Philip Manduca noe ippresentati fil 21 ta' Novembru 2012, li ghalihom l-intimat Joseph Vella qabel u adotta bhala tieghu fit 23 ta' Novembru 2012.

Ra is-sottomissjonijiet ippresentati mir-rikrorenti fit 28 ta' Jannar 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Bord ma jistax ma jinnutax, mal-ewwel, il-pertinenza tieghu li jinsisti li jaghmel il-kontro ezami ta' Joseph Mallia, darba, darbtejn, tlett darbiet u, sahansitra erbgha darbiet, minkejja il-fatt illi l-Bord, kemm dak diversament ippresjedut kif ukoll dik hekk kif ppresjeduta, dejjem sahaq illi l-provi mehitega f'dana l-istadju, huwa unikament provi dokumentarji u mhux provi ta' xhieda u, f'kaz illi l-intimat ghandu kwistjoni dwar it-titolu tar-rikorrenti, il-Bord ma huwiex il-forum kompegenti biex jiddeciedi tali kwistjoni.

Il Bord ukoll ma jistax ma jinnotax illi r-rikorrenti ippresentaw dokumentazzjoni varja u dettaljata illi biha huma ppruvaw kif attwalment il-propjeta meritu tal-kawza odjerna kienet art tal-antenati taghhom kif ukoll li l-mejta Carmela Tabone, illi taghha giet ppresnetata ricerka dettaljata, qatt ma kellha r-raba in kwistjoni bhala propjeta taghha.

Il-Bord jinnota illi ghalkemm l-intimat ressaq biss eccezzjoni wahda, ossija l-eccezzjoni tat-titolu tar-rikorrenti, u riserva li jressaq eccezzjonijet ohra izda, wara

li gew ippresentati d-dokumenti mehtiega huwa ostina biss jitlob li jaghmel kontro ezami ta' Joseph Mallia minflok ma talab illi jresaq ecezzjonijiet ulterjuri.

Madanakollu, fl-ahjar interess tal-gusizzja, il-Bord ihoss illi ma jkunx korrett illi f'dana l-istadju, il-Bord jiddeciedi l-kaz kollu fuq il-provi li hemm, u jinsisti li, f'dana l-istadju, il-Bord ser jiddeciedi billi l-eccezzjoni imressqa mall-intimat, wara liema decizjoni, ir-rikorrenti iridu jippresentaw il-provi taghhom fuq il-meritu tal-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Il-Bord

Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha ppresentata,

Jghaddi biex jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-intimat

Tordna illi l-kawza titkompla ghal provi fuq il-meritu u takkorda lill-intimat ghoxrin gurnata ghall-presentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Filwaqt illi l-Bord jirriserva li jipprovdi dwar id-dilungar inutili fil-kawza odjerna, qed tirriserva ukoll dwar l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------